MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2004

Numru. 333/2003

PULIZIJA
SPETTUR ALFRED MALLIA
VS
MARIO GRECH

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Mario Grech ta’ 49 sena bin Joseph u Carmen nee Azzopardi imwieled Zebbug, Malta fit-18 ta’ Novembru 1953 u residenti 6, Kwartier San Nikola, Bormla detentur tal-karta tal-identita numru 815153M talli f’Bormla fit-3 ta’ Frar 2003 ghal habta tas-7am hedded bil-kliem ‘jew tigi mieghi jew noqtlok’ u hebb ghal martu Maryrose Grech u kkagunalha griehi ta’ natura hafifa, bi ksur tal-art 339(e) u Art 221(1) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Barra minn dan fl-istess cirkostanzi kkaguna hsara volontarja ta’ wiehed u sebghin liri mlatin u centezmu (Lm71.01) fuq zewg gizirani tad-deheb li f’dak il-mument

kienu milbusa m’ghonq Maryrose Grech u dan bi ksur tal-Art 325b tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talli fl-istess cirkostanzi kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b’ghajjat u glied bi ksur tal-Art 338(dd) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Talli kiser garanzija imposta fuqu datata 9 ta’ Dicembru 2002 mill-Qorti tal-Magistrati Malta, Mag. Dr Antonio Mizzi LL.D. u dan bi ksur tal-Art 49 tal-kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda tal-kwerelanti, mart l-imputat tat-12 ta’ Jannar 2003, jirrizulta illi l-kwerelanti hafret lil zewgha u irtirat l-azzjoni kriminali fil-konfront tieghu.

Illi ghal daqstant ai termini ta’ Art 221(4), Art 325(d) u it-tieni proviso, l-Qorti tiddikjara illi ghal rigward l-ewwel zewg akkuzi l-procediment huwa ezawriet.

Illi din il-Qorti wara li semghet l-ewwel xhieda tal-kwerelanti u imbaghad il-capovolta li ghamlet fl-ahhar seduta ma tantx tista taghti affidabilita ghal dak li xehdet l-kwerelanti.

Billi pero din il-Qorti temmen illi kien hemm ksur tal-buon ordni din il-Qorti ssib lill-imputat hati tat-tielet akkuza u wara li rat Art 338(dd) u 383 tal-kap 9 tqieghed lill-imputat

taht obbligazzjoni li ma jimmolestax lil martu taht garanzija ta’ Lm100 ghal sena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------